MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 9/2011

**Appell Nru. 9/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Cordina)**
**Vs**
**AN**

**Illum 13 ta’ Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 9661 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli
Fis-17 ta’ Jannar 2004, filghaxija, bi vjolenza u bil-qerq, b’ghemil zieni ikkorrompa lil MC, minorenni ta’ hmistax-il sena, liema minorenni hija dixxendent miz-zwieg, kif ukoll filwaqt li l-istess minorenni kienet giet fdata mieghu sabiex imqar jekk ghal xi zmien jiehu hsiebha jew jindukra.

Fl-istess data, lok u cirkustanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minorenni.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr setgha skond il-ligi ta’ Awtorita’ kompetenti u barra mill-kazijiet fejn il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil MC kontra l-volonta’ taghha u dan sabiex igieghlha taghmel jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi, offenda il-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’ lok pubbliku, jew f’lok espost ghal pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Jannar, 2011, li biha ddikjarat lill-appellat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni f’kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni ta’ isem il-minuri, ta’ isem l-appellat kif ukoll tal-ismijiet tal-familjari taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-21 ta’ Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tghaddi biex isib lill-imputat appellat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tinfliggi dik il-piena indikata skond il-ligi ghall-htija ta’ l-appellat.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe` :-
Illi l-Qorti lliberat lill-appellat minhabba apprezzament erroneju u inkomplet tal-fatti tal-kaz kif ser jigi spjegat aktar l-isfel.

Illi fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti skartat ix-xiehda moghtija mill-vittma stess abbazi tal-fatt illi d-dettalji li tat il-vittma (dwar fatti li huma estraneji ghall-kaz in dizamina), gew kontradetti minn xiehda ohrajn li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti. Di fatti, fis-sentenza taghha, l-Qorti tghid testwalment hekk :-
***"Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi kollha migjuba mill-prosekuzzjoni u mid-difiza f'dan il-kaz jidhrilha li assolutament ma tistax tinghata affidabilita` lix-xhieda moghtija minn MC. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet ....."***

Illi segwenti dan il-bran, il-Qorti elenkat id-diversi kontradizzjonijiet kemm fix-xiehda moghtija mill-vittma stess, kif ukoll mid-diversi xiehda li nstemghu. Brevement, il-kontradizzjonijiet imnizzla mill-Ewwel Qorti huma :-
(a) MC in ezami qalet li kienet ghadha vergni izda imbaghad meta xehdet in kontro-ezami u wara li gie rilevat li sehbitha RM kienet qalet li MC kienet tghidilha li kellha x'taqsam mal-boyfriend passat taghha hija ghall-ewwel qalet li ma qalitx il-verita` ghaliex kienet tisthi u mbaghad qalet li kienet fehmet li d-domanda kienet tirreferi ghal relazzjonijiet sesswali kontra l-volonta` taghha;
(b) Il-Qorti innotat l-atteggjament xejn konvincenti ta' MC waqt li kienet qed tixhed bil-"video conference" fejn bdiet tevita li tirrispondi ghal domandi li kienu qed isirulha dwar ir-ragunijiet li hija kienet tmur ghal counselling sessions l-iskola u fejn hija ppruvat tevita li tirrispondi d-domanda dwar il-verginita` o meno taghha;
(c) Il-Qorti rat ukoll li din ix-xhud ippruvat tghid lil TZC sabiex ma jsemmix certu affarijiet jekk jitla` jixhed f'dawn il-proceduri.

Illi in segwitu, fis-sentenza appellata jinghad illi ***"il-Qorti strahet hafna fuq ix-xiehda moghtija minn TZC u minn TV dwar MC minn fejn irrizulta li MC kienet tfajla li kienet tigdeb kontinwament fejn kienet tivvinta stejjer u taghmel allegazzjonijiet serji u li hafna drabi rrizultaw inveritjieri dwar terzi sabiex tattira l-attenzjoni. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax ma***

***jkollhiex ukoll dubji serji dwar il-kredibilita` ta' MC in kwantu dak allegat fil-konfronti tal-imputat specjalment meta wiehed jikkonsidra li dan ta' l-ahhar sa mill-bidu nett cahad b'mod kategoriku li kien sehh dak allegat minn MC fil-konfront tieghu".***

Illi ghalkemm ipotetikament, i-xiehda idejali tkun tikkonsisti f'wahda li mhux kontradetta minn xi parti, bejn dak li hu l-idejal u dak li hu reali hemm bahar x'jikkumbatti. F'dan id-dawl, l-ezami li jrid isir huwa jekk il-kontradizzjonijiet fix-xiehda moghtija jolqtux il-qalba tal-mertu in dizamina o meno. Jinghad illi l-Qorti ghandha kemm id-diskrezzjoni li temmen jew li tiskarta xhud in toto kif ukoll, izda, li temmen parti minn xiehda moghtija filwaqt li tiskarta l-kumplament tax-xiehda, b'dan illi temmen xhud in parte,.

Illi meta wiehed jezamina x-xiehda moghtija mill-vittma MC u jqabbilha max-xiehda moghtija mix-xiehda l-ohrajn, kif ukoll max-xiehda moghtija minnha fit-tieni darba, wiehed isib illi x-xhud MC dejjem baqghet konsistenti fil-fatti li jolqtu l-mertu tal-proceduri odjerni. Di fatti, l-osservazzjonijiet li ghamlet l-Ewwel Qorti dwar il-kontradizzjonijiet suriferiti ma jolqtux il-fatti li sehhew dakinhar ta' l-allegat reat izda jirrigwardjaw cirkostanzi ohra.

Illi di piu`, ghalkemm wiehed jista` jasal ghall-konkluzzjoni tal-Qorti illi ***"MC kienet tfajla thobb tigdeb u tivvinta l-istejjer sabiex iggieghel lin-nies jithassruaha u b'hekk jaghtuha l-attenzjoni"*** dana ma jfissirx illi x-xiehda taghha ghandha tigi skartata fit-totalita` taghha.

Illi fix-xiehda taghha, MC tistqarr illi hekk kif waslet id-dar minn wara l-allegat abbuz, hi cemplet lill-habiba tal-qalb taghha, u cioe` RM, qaltilha b'dak li kien gralha. Fix-xiehda taghha, l-vittma MC tiddeskrivi kif kienet kwazi fi stat ta' xokk, tant li beda jinqatghalha nnifisha (ara a fol. 18 -19 ta' l-atti processwali).

Illi dan l-istat ta' paniku li nstabet fih gie wkoll korroborat mix-xiehda moghtija minn RM, fejn qalet illi MC cemplitilha *"tibki u tibki"* filwaqt li rrankutatilha dak li ghalilha l-appellat

AN (ara fol. 61 – 64 ta ‘ l-atti processwali). Fl-umli opinjoni ta’ l-esponent, l-Ewwel Qorti erronjament skartat l-istat panikuz li kienet fih il-vittma wara l-allegat abbuz. Il-fatt li mix-xiehda johrog li l-vittma cemplet lil RM *“tibki u tibki”* juri kjarament illi l-vittma hassitha aggravata u ddisturbata hafna b’dak li kienet ghadha kemm sofriet.

Illi d-domanda naturali li ssegwi hi din : l-atteggjament tal-vittma meta cemplet lill-habiba taghha huwa indikattiv ta’ xi gidba vvintata jew ta’ persuna li tassew garrbet esperjenza kerha? Bid-dovut rispett, l-esponent jissottometti li hi difficli hafna li persuna li tkun qed tivvinta storja bhal din sempliciment biex tigbed l-attenzjoni tan-nies ta’ madwaraha tidhol fi stat ta’ paniku u tibki fuq it-telephone. Jigi sottomess illi minkejja li mix-xiehda harget li din ma kienitx l-ewwel darba li MC ghamlet allegazzjonijiet ta’ dan it-tip, fl-ebda allegazzjoni precedenti ma kien hemm din ir-reazzjoni min-naha taghha.

Illi oltre minn hekk, l-allegazzjonijiet precedenti kienu kollha dwar persuni injoti u persuni ‘l boghod minnha, per ezempju iz-ziju minn Ghawdex, jew id-driver tal-minivann (li kulma ghamlet kienet tat deskrizzjoni generika tieghu lill-habib taghha TZC), jew sahansitra dwar persuna ta’ nazzjonalita` Gharbija. Fil-kaz in dizamina, l-fatti huma differenti. F’dan il-kaz, il-persuna msemmija minn MC mhux talli kienet persuna identifikata, talli kienet persuna vicina hafna hafna taghha. Fl-umli opinjoni ta’ l-esponent, il-vittma MC hija propja vittma ta’ l-istorja tal-lupu, fejn it-tifel ma kienx emnut fil-mument tal-prova u cioe` fil-mument li gie l-lupu biex jattakka r-rahal tieghu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinghad ukoll illi jekk wiehed jezamina t-tul tal-hin li fih allegatament sehh l-abbuz jinduna li l-verzjoni moghtija mill-vittma MC, u cioe` li l-abbuz dam ghal madwar 15 – 20 minuta jikkombacja precizament mal-hin li l-appellat hareg iwassal lit-tifla tieghu DM u l-hin li rritorna lura d-dar. Di piu, il-hin li fih il-vittma cemplet lill-habiba taghha DM biex tghidilha b’kollox – cioe` *“bejn is-seba u nofs u t-tmienja u nofs”* (ara fol. 61 ta’ l-atti processwali).

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat AN jigi z-ziju tar-rispett tal-vittma MC u li l-familja huma vicin hafna ta' xulxin tant li MC kienet tqatta' hin sostanzjali u b'mod regolari fid-dar ta'l-appellat flimkien mal-familja tieghu. Fil-fatt MC kienet taghmel regolarment il-make up tal-kugina DM li tigi t-tifla ta' l-appellat qabel ma din kienet tohrog biex tiddeverti fil-weekend. Dak inhar tas-17 ta' Jannar, 2004 MC kienet id-dar ta' l-appellat taghmel il-make up ta' DM qabel ma l-istess DM tohrog tiddeverti. Meta sar il-hin biex tohrog mart l-appellat issuggeriet illi zewgha AN jwassal lil bintu fid-diskoteka r-Rabat u dak il-hin MC staqsiet jekk tistax tmur maghhom. Mat-triq taghhom lura lejn id-dar u wara li DM nizlet mill-vettura biex tmur id-diskoteka, MC tghid li l-appellat issuggerixxa li jmorru dawra bil-karozza u waqt li kienu b'din id-dawra l-appellat beda jitkellem doppju sens u jghaddi cajt b'konnotazzjonijiet sesswali. Fi triqtu l-appellat iddecieda li jieqaf bil-karozza fejn id-dar ta' l-anzjani ta' l-Imtarfa, izda wara li MC bdiet tibza' li se jaqghu bil-vettura, hu kompla jsuq u waqaf aktar l-isfel f'dahla fl-imwarrab.

Hemm hekk MC tghid illi l-appellat ghamel idejh wara ghonqha u beda jmissilha sidirha minn fuq il-gakketta u s-seatbelt u kompla billi nizzel idejh biex jipprova jdahhal idu minn toqba li kellha fil-qalziet tal-pigama. X'hin rat hekk MC tghid illi bdiet tibza' u talbitu biex jieqaf izda dak il-hin l-appellat hareg il-parti privata tieghu u beda jimmasturba quddiemha waqt li beda jaqbidilha idejha u jipprova jpoggiha fil-parti privata tieghu. Hi kompliet tghidlu biex jieqaf izda hu minflok talabha sabiex tilghaq il-parti privata tieghu. Hi rrifjutat illi taghmel dan u hu kompla jimmasturba sakemm fl-ahhar hareg minn gol-vettura u egakola. Wara ftit MC tghid illi l-appellat saq il-vettura tieghu u iwassalha lilha d-dar taghha. Meta waslu quddiem id-dar taghha qalilha biex ma tghid xejn lil hadd dwar dak illi sehh. MC pero' cemplet minnufih lill- habiba taghha certa RM u qaltilha b'dak kollu illi allegatament sehh. Illi sussegwentement MC fethet qalbha wkoll mal-

councillors ta’ l-iskola u b’hekk waslu ghal dawn il-proceduri odjerni.

B’Sentenza moghtija fis-7 ta’ Jannar, 2011 il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u lliberatu. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. Dana ‘l ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament eronju u inkomplet tal-fatti tal-kaz u deherlu illi kollox kien jidher illi MC kellha titwemmen u l-appellat kellu jinstab hati.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali jargumenta illi minkejja li MC inqabdet f’hafna inkonsistenzi, kontradizzjonijiet u gideb dawna kienu kollha estrani ghall-incident u jirreferu ghal cirkostanzi illi jew ma jistghux jigu verifikati jew inkella ma jezistux, mentri dak illi gralha fil-konfront ta’ l-appellat kien veru u MC baqghet dejjem tghid l-istess verzjoni ghal dak li jirrigwardja l-operat ta’ l-appellat.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti rat ix-xhieda kompilati f’dawn l-Atti, specjalment ix-xhieda ta’ MC debitament registrati u tifhem ir-riluttanza ta’ l-ewwel Qorti li toqghod fuq din ix-xhieda b’certa serhan tal-mohh biex tasal ghal xi konkluzjoni tar-reata fil-konfront ta’ l-appellat. L-ewwel Qorti ezaminat bir-reqqa ix-xhieda prodotta u kienet f’pozizzjoni wkoll illi tara l-komportament tax-xhieda specjalment dik ta’ MC waqt il-procedura tal-video conferencing. Fil-fatt il-Qorti qalet *“Il-Qorti kif pereseduta li semghet lil din ix-xhud tixhed bil-procedura tal-video confenencing setghet tinnota l-atteggjament xejn konvincenti ta’ MC waqt illi qed tixhed fejn bdiet tevita li tirrispondi ghal domandi li kienu qed isirulha dwar ir-ragunijiet illi hija kienet tmur ghal counselling sessions l-iskola u fejn hija ppruvat ukoll tevita illi tirrispondi ghal domanda dwar il-verginita o meno taghha.”* (fol 321).

Hawnhekk il-Qorti qieghda ssegwi l-linji gwida msejsa fl-Artiklu 637 tal-Kodici Kriminali fejn kellha tevalwa l-imgieba, l-kondotta, l-karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti u ta' fattizzji ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Bir-rispett lejn l-argument ta' l-Avukat Generali illi l-inkonsistenzi u n-nuqqas ta' kredibilita ta' MC kienu jirreferu ghal cirkostanzi estrani ghall-att maghmul mill-appellat u b'hekk ma kellux jaffettwa l-kredibilita ta' MC f'dak illi qalet illi subbiet minn l-appellat, il-Qorti issib illi l-ewwel Qorti ghamlet sew meta hija qieset il-fattizzji kollha tax-xhieda ta' MC, l-imgieba u l-kondotta taghha u jekk hemmx konsistenza u jekk dik ix-xhieda kelliex mis-sewwa. Huwa veru wkoll illi xhud tista' temmnu f'parti u ma temmnux f'ohra u tista' ma temmnux fix-xhieda kollha u tista' temmen dak kollu illi jghid, pero' meta jkollok nuqqas ta' konsistenza lampanti, meta tara mgieba illi ma jaghmilx gieh jew sens fic-cirkostanzi ta' dak li jkun, allura hawn hekk jibdew dehlin id-dubji fejn is-serenita tal-Gudikant sabiex jikkundanna persuna ghal reat taht dawn ic-cirkostanzi tkun imtappna b'dawn id-dubbji serji illi jqumu wara konsiderazzjoni tax-xhieda ta' MC.

Bhall-ewwel Qorti din il-Qorti m'ghandiex dik ic-certezza morali li tista' serenament tikkundanna lill-appellat ghal reati lilu addebitat. F'dawn ic-cirkostanzi allura l-Qorti ghandha dubju ragunat liema dubju ghandu jmur favur l-akkuzat li din il-Qorti thoss illi ma tistax tikkundanna la darba ma ntlahaqx dak il-grad ta' prova rikjest mill-Ligi ghas-success tat-tezi tal-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti sabiex tara jekk dik il-Qorti kienetx ragunevoli fil-konkluzjoni taghha u waslet ghall- konkluzjoni illi dik il-Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjoni taghha u ghalhekk mhux il-kaz illi tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------